REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2190

tal-24 ta' Novembru 2017

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-proċeduri, il-formati u l-formuli tar-rapport dwar is-solvenza u l-kondizzjoni finanzjarja skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-25 ta' Novembru 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([1]), u b'mod partikolari r-raba' paragrafu tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 256(5) tiegħu,

Billi:

(1) Hemm bżonn li jiġi ffaċilitat l-iżvelar konsistenti u li titjieb il-kwalità tal-informazzjoni żvelata kif stipulat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2452 ([2]).

(2) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbutin ma' xulxin mill-qrib, peress li jittrattaw il-proċeduri u l-formoli għall-iżvelar tar-rapport dwar is-solvenza u l-kundizzjoni finanzjarja. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawn id-dispożizzjonijiet, li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva u aċċess għalihom minn persuni suġġetti għal dawn l-obbligi, inklużi investituri li mhumiex residenti fl-Unjoni, ikun tajjeb jekk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kollha meħtieġa mill-Artikoli 56 u 256(5) tad-Direttiva 2009/138/KE jkunu inklużi f'Regolament wieħed.

(3) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomess mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, EIOPA) lill-Kummissjoni.

(4) L-EIOPA segwiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 ([3]) sabiex tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati, u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tas-Settur tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 jiġi emendat skont dan.

(6) Jenħtieġ li jiġu kkoreġuti wkoll id-diversi żbalji żgħar ta' abbozzar fl-istruzzjonijiet tal-formoli inklużi fit-test tar-Regolament (UE) 2015/2452,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet Emendatorji

L-Annessi II u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huma emendati skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2452 tat-2 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-proċeduri, il-formati u l-formuli tar-rapport dwar is-solvenza u l-kondizzjoni finanzjarja skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 31.12.2015, p. 1285).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

Artikoli 2

Dispożizzjonijiet ta' korrezzjoni

L-Annessi I, II u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huma kkoreġuti skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

1. Kemm l-Anness II kif ukoll III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huma emendati kif ġej:

   (a) Fit-taqsima S.05.01, Kummenti Ġenerali, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "Din il-formola għandha tagħti rendikont mill-perspettiva kontabilistika, jiġifieri: GAAP lokali jew IFRS jekk jkunu aċċettati bħala prinċipji tal-kontabilità ġeneralment aċċettati lokali iżda bl-użu tal-linji operatorji SII. L-impriżi għandhom jużaw l-istess bażi ta' rikonoxximent u ta' valutazzjoni bħal tar-rapporti finanzjarji ppubblikati, mhux meħtieġ rikonoxximent ġdid jew rivalutazzjoni għajr għall-klassifikazzjoni bejn il-kuntratti ta' investiment u l-kuntratti ta' assigurazzjoni meta dan ikun applikabbli fir-rapporti finanzjarji. Din il-formola għandha tinkludi n-negozji kollha ta' assigurazzjoni minkejja l-possibbiltà ta' klassifikazzjoni differenti bejn il-kuntratti ta' investiment u l-kuntratti ta' assigurazzjoni applikabbli fir-rapporti finanzjarji."

2. L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huwa emendat kif ġej:

   (a) Fit-taqsima S.05.02 — Kummenti Ġenerali — it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "Il-formula hija msejsa fuq il-bażi ta' sena sa issa. L-impriżi għandhom jużaw l-istess bażi ta' rikonoxximent u ta' valutazzjoni bħal tar-rapporti finanzjarji ppubblikati, mhux meħtieġ rikonoxximent ġdid jew rivalutazzjoni għajr għall-klassifikazzjoni bejn il-kuntratti ta' investiment u l-kuntratti ta' assigurazzjoni meta dan ikun applikabbli fir-rapporti finanzjarji. Din il-formola għandha tinkludi n-negozji kollha ta' assigurazzjoni minkejja l-possibbiltà ta' klassifikazzjoni differenti bejn il-kuntratti ta' investiment u l-kuntratti ta' assigurazzjoni applikabbli fir-rapporti finanzjarji."

3. L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huwa emendat kif ġej:

   (a) Fit-taqsima S.05.02 — Kummenti Ġenerali, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "Din il-formola għandha tiġi divulgata minn perspettiva ta' kontabbiltà, jiġifieri: GAAP lokali jew IFRS jekk aċċettati bħala GAAP lokali. Il-formula hija msejsa fuq il-bażi ta' sena sa issa. L-impriżi għandhom jużaw l-istess bażi ta' rikonoxximent u ta' valutazzjoni bħal tar-rapporti finanzjarji ppubblikati, mhux meħtieġ rikonoxximent ġdid jew rivalutazzjoni għajr għall-klassifikazzjoni bejn il-kuntratti ta' investiment u l-kuntratti ta' assigurazzjoni meta dan ikun applikabbli fir-rapporti finanzjarji. Din il-formola għandha tinkludi n-negozji kollha ta' assigurazzjoni minkejja l-possibbiltà ta' klassifikazzjoni differenti bejn il-kuntratti ta' investiment u l-kuntratti ta' assigurazzjoni applikabbli fir-rapporti finanzjarji."

ANNESS II

1. L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huwa kkoreġut kif ġej:

(a) Fil-formola S.19.01.21, ir-ringiela Z0010 hija sostitwita bir-ringiela li ġejja:

"Sena tal-aċċident/sena tas-sottoskrizzjoni	**Z0020**	

"

(b) Fil-formola S.23.01.01.R0230, ir-ringiela kollha hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tnaqqis għall-parteċipazzjoni f'istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu	**R0230**					

"

(c) Fil-formola S.23.01.22.R0220, ir-ringiela kollha hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fondi proprji mir-rapporti finanzjarji li ma għandhomx jiġu rrappreżentati mir-riżerva ta' rikonċiljazzjoni u li ma jissodisfawx il-kriterji sabiex jiġu kklassifikati bħala fondi proprji tas-Solvibbiltà II	**R0220**		X	X	X	X

"

(d) Fil-formola S.23.01.22.R0240, ir-ringiela kollha hija sostitwita b'dan li ġej:

"li minnhom jitnaqqas skont l-Artikolu 228 tad-Direttiva 2009/138/KE	**R0240**					X

"

(e) Fil-formola S.23.01.22.R0330, ir-ringiela li ġejja hija mdaħħla wara R0320:

"Impenn legalment vinkolanti għas-sottoskrizzjoni u l-ħlas għal obbligazzjonijiet subordinati fuq talba	**R0330**		X	X		

"

(f) Fil-formoli S.23.01.22.R0350 u S.23.01.22.R0340, ir-ringieli kollha huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Ittri ta' kreditu u garanziji skont l-Artikolu 96(2) tad-Direttiva 2009/138/KE	**R0340**		X	X		X
Ittri ta' kreditu u garanziji għajr dawk skont l-Artikolu 96(2) tad-Direttiva 2009/138/KE	**R0350**		X	X		

"

(g) Fil-formola S.23.01.22.R0410, ir-ringiela kollha hija sostitwita b'dan li ġej:

"Istituzzjonijiet ta' Kreditu, ditti ta' investiment, istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi, kumpaniji maniġerjali tal-UCITS	**R0410**					X

"

(h) Fil-formola S.23.01.22.R0440, ir-ringiela kollha hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fondi proprji totali ta' setturi finanzjarji oħrajn	**R0440**					

"

(i) Fil-formola S.23.01.22.R0770, ir-ringiela kollha hija sostitwita b'dan li ġej:

"Profitti mistennija inklużi fil-premia futuri (EPIFP) — Negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja	**R0770**		X	X	X	X

"

(j) Fil-formola S.23.01.22.R0780, ir-ringiela kollha hija sostitwita b'dan li ġej:

"Profitti mistennija inklużi fil-premia futuri (EPIFP) — Negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja	**R0780**		X	X	X	X

"

(k) Fil-formola S.23.01.22.R0790, ir-ringiela kollha hija sostitwita b'dan li ġej:

"Total tal-EPIFP	**R0790**	 "

(l) Fil-formola S.25.01.21, "C0100" Simplifikazzjonijiet hija sostitwita b'"C0120";

(m) Fil-formoli S.25.01.22, S.25.02.21, S.25.02.22.C0080 hija sostitwita b'C0090, u C0090 b'C0120;

(n) Fil-formoli S.25.02.21, S.25.02.22, S.25.03.21 u S.25.03.22,R0420, ir-ringiela kollha hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza Nozzjonali għall-fondi delimitati	**R0420**	"

(o) Fil-formola S.25.02.22, qabel "Rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp konsolidat minimu, R0470", jitħassru r-ringieli li ġejjin:

"Numru uniku tal-komponent	**Deskrizzjoni tal-komponenti**	**Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza**	**Ammont mudellat**	**USP**	**Simplifikazzjonijiet**
C0010	**C0020**	**C0030**	**C0070**	**C0080**	**C0090"**

(p) Fil-formola S.25.03.22, qabel "Rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (Rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni) — Istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' investiment u istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi, kumpaniji tal-immaniġjar tal-UCITS, R0510", jitħassru r-ringieli li ġejjin:

"Numru uniku tal-komponent	**Deskrizzjoni tal-komponenti**	**Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza**
C0010	**C0020**	**C0030"**

2. Kemm l-Anness II kif ukoll III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huma kkoreġuti kif ġej:

(a) Fil-formola S.05.01, minn C0010 sa C0120/R0410 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0010 sa C0120/R0410	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Gross — Operat dirett	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra għall-operat dirett gross. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(b) Fil-formola S.05.01, minn C0010 sa C0120/R0420 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0010 sa C0120/R0420	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Gross — Riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra għal riassigurazzjoni proporzjonali grossa aċċettata. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(c) Fil-formola S.05.01, minn C0130 sa C0160/R0430 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0130 sa C0160/R0430	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Gross — Riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali grossa aċċettata. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(d) Fil-formola S.05.01, minn C0010 sa C0160/R0440 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0010 sa C0160/R0440	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Is-sehem tar-riassiguraturi	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra marbuta mal-ammonti ċeduti lil riassiguraturi. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva."

(e) Fil-formola S.05.01, minn C0010 sa C0160/R0500 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0010 sa C0160/R0500	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Nett	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: l-ammont nett tal-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra jirrappreżenta t-total tal-operat dirett u tal-operat tar-riassigurazzjoni aċċettat mnaqqas bl-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(f) Fil-formola S.05.01, minn C0210 sa C0280/R1710 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0210 sa C0280/R1710	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra - Gross — operat dirett u riassigurazzjoni aċċettata.	Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra relatati ma' kuntratti ta' assigurazzjoni li jirriżultaw minn operat dirett u ta' riassigurazzjoni grossa. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(g) Fil-formola S.05.01, minn C0210 sa C0280/R1720 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0210 sa C0280/R1720	Bidla fi provvedimenti tekniċi oħra — Is-sehem tar-riassiguraturi	Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri s-sehem tar-riassiguraturi f'bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva."

(h) Fil-formola S.05.01, minn C0210 sa C0280/R1800 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0210 sa C0280/R1800	Bidla fi provvedimenti tekniċi oħra — Nett	Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: il-bidliet netti fi provvedimenti tekniċi oħra relatati massomma tal-operat dirett u l-operat tar-riassigurazzjoni aċċettat mnaqqas bl-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(i) Fil-formola S.05.02, minn C0080 sa C0140/R0410 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0080 sa C0140/R0410	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Gross — Operat dirett	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra għall-operat dirett gross. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(j) Fil-formola S.05.02, minn C0080 sa C0140/R0420 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0080 sa C0140/R0420	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Gross — Riassigurazzjoni proporzjonali aċċettata	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra għal riassigurazzjoni proporzjonali grossa aċċettata. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(k) Fil-formola S.05.02, minn C0080 sa C0140/R0430 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0080 sa C0140/R0430	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Gross — Riassigurazzjoni mhux proporzjonali aċċettata	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra għal riassigurazzjoni mhux proporzjonali grossa aċċettata. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(l) Fil-formola S.05.02, minn C0080 sa C0140/R0440 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0080 sa C0140/R0440	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Is-sehem tar-riassiguraturi	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra marbuta mal-ammonti ċeduti lil riassiguraturi. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva."

(m) Fil-formola S.05.02, minn C0080 sa C0140/R0500 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0080 sa C0140/R0500	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra — Nett	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra kif definit fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: l-ammont nett tal-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra jirrappreżenta t-total tal-operat dirett u tal-operat tar-riassigurazzjoni aċċettat mnaqqas bl-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(n) Fil-formola S.05.02, minn C0220 sa C0280/R1710 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0220 sa C0280/R1710	Bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra – Gross	Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra relatati ma' kuntratti ta' assigurazzjoni li jirriżultaw minn operat dirett u ta' riassigurazzjoni grossa. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(o) Fil-formola S.05.02, minn C0220 sa C0280/R1720 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0220 sa C0280/R1720	Bidla fi provvedimenti tekniċi oħra — Is-sehem tar-riassiguraturi	Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri s-sehem tar-riassiguraturi f'bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva."

(p) Fil-formola S.05.02, minn C0220 sa C0280/R1800 ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0220 sa C0280/R1800	Bidla fi provvedimenti tekniċi oħra – Nett	Id-definizzjoni ta' bidliet fi provvedimenti tekniċi oħra tinsab fid-Direttiva 91/674/KEE fejn applikabbli: jiġifieri l-bidliet netti fi provvedimenti tekniċi oħra relatati massomma tal-operat dirett u tal-operat tar-riassigurazzjoni aċċettat mnaqqas bl-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni. Din l-entrata għandha tiġi rrappurtata bħala ammont pożittiv jekk il-varjazzjoni tkun negattiva (tnaqqis ta' provvedimenti tekniċi oħra li jwassal għal profitt) jew bħala ammont negattiv jekk il-varjazzjoni tkun pożittiva (żieda ta' provvedimenti tekniċi oħra li twassal għal telf)."

(q) Fil-formola S.22.01.C0010/R0010, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0010/R0010	L-ammont b'miżuri ta' garanzija fit-tul u miżuri tranżitorji — Provvedimenti Tekniċi	L-ammont totali ta' provvedimenti tekniċi grossi inklużi miżuri ta' garanzija fit-tul u miżuri tranżitorji"

(r) Fil-formola S.22.01.C0030/R0010, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0030/R0010	Impatt ta' miżura tranżitorja fuq il-provvedimenti tekniċi – Provvedimenti Tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni ta' miżura tranżitorja fuq il-provvedimenti tekniċi. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr tnaqqis tranżitorju fil-provvedimenti tekniċi u l-provvedimenti tekniċi b'miżuri ta' garanzija fit-tul u b'miżuri tranżitorji"

(s) Fil-formola S.22.01.C0050/R0010, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0050/R0010	L-impatt ta' miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax – Provvedimenti Tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi."

(t) Fil-formola S.22.01.C0070/R0010, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0070/R0010	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Provvedimenti tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju."

(u) Fil-formola S.22.01.C0090/R0010, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0090/R0010	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Provvedimenti Tekniċi	L-ammont tal-aġġustament fil-provvedimenti tekniċi grossi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra."

(v) Fil-formola S.22.01.C0050/R0020, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0050/R0020	Impatt ta' miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax – Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżizzjonali fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi ikkalkulati filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji bażiċi ikkalkulati bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi."

(w) Fil-formola S.22.01.C0070/R0020, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0070/R0020	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-Fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tgħall-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju."

(x) Fil-formola S.22.01.C0090/R0020, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0090/R0020	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Fondi proprji bażiċi	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji bażiċi minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-fondi proprji bażiċi filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra."

(y) Fil-formola S.22.01.C0050/R0050, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0050/R0050	Impatt ta' miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax — Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi."

(z) Fil-formola S.22.01.C0070/R0050, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0070/R0050	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju."

(aa) Fil-formola S.22.01.C0090/R0050, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0090/R0050	L-impatt tal-aġġustament għall-korrispondenza stabbilit bħala żero – Fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eleġibbli biex jissodisfaw ir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKS kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra."

(bb) Fil-formola S.22.01.C0050/R0090, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0050/R0090	Impatt tal-miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax — RKS	L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura relevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u r-RKS ikkalkulat bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi."

(cc) Fil-formola S.22.01.C0070/R0090, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0070/R0090	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — RKS	L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità. Dan għandu jirrifletti l-impatt ta' meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u r-RKS filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju."

(dd) Fil-formola S.22.01.C0090/R0090, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0090/R0090	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — RKS	L-ammont tal-aġġustament fir-RKS minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKS ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u ir-RKS ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra."

(ee) Fil-formola S.22.01.C0050/R0100, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0050/R0100	Impatt tal-miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax — Fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM kkalkulat bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi."

(ff) Fil-formola S.22.01.C0070/R0100, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0070/R0100	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Din għandha tirrifletti l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju."

(gg) Fil-formola S.22.01.C0090/R0100, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0090/R0100	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM	L-ammont tal-aġġustament fil-fondi proprji eliġibbli biex jissodisfaw ir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament ta' korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero. Din għandha tkun id-differenza bejn il-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u l-fondi proprji eliġibbli biex jiġi ssodisfat ir-RKM kkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra."

(hh) Fil-formola S.22.01.C0050/R0110, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0050/R0110	Impatt tal-miżura tranżitorja fuq ir-rata tal-imgħax — Rekwiżit Kapitali Minimu	L-ammont tal-aġġustament fir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tranżitorju fl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKM ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju u r-RKM ikkalkulat bil-provvedimenti tekniċi mingħajr miżura tranżitorja għall-provvedimenti tekniċi."

(ii) Fil-formola S.22.01.C0070/R0110, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0070/R0110	L-impatt tal-aġġustament għall-volatilità stabbilit bħala żero — Rekwiżit Kapitali Minimu	L-ammont tal-aġġustament fir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament tal-volatilità. Dan għandu jirrifletti l-impatt ta' meta l-aġġustament għall-volatilità jkun żero. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKM filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra, u r-RKM filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr aġġustament tranżitorju fl-istruttura rilevanti tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju."

(jj) Fil-formola S.22.01.C0090/R0110, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0090/R0110	L-impatt tal-aġġustament ta' korrispondenza stabbilit bħala żero — Rekwiżit Kapitali Minimu	L-ammont tal-aġġustament fir-RKM minħabba l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-korrispondenza. Din għandha tinkludi l-impatt meta l-aġġustament għall-volatilità u l-aġġustament għall-korrispondenza jkunu żero. Din għandha tkun id-differenza bejn ir-RKM ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-korrispondenza u mingħajr il-miżuri tranżitorji l-oħra kollha, u ir-RKM ikkalkulat filwaqt li jitqiesu l-provvedimenti tekniċi mingħajr l-aġġustament għall-volatilità u mingħajr miżuri tranżitorji oħra."

(kk) Fil-formoli S.25.01 u S.25.02, ir-referenzi għal C0080 huma sostitwiti b'C0090, u r-referenzi għal C0090 huma sostitwiti b'C0120;

(ll) Fil-formola S.25.02.C0030, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"C0030	Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	Ammont ta' allokazzjoni ta' kapital għal kull komponent irrispettivament mill-metodu tal-kalkolu (jew formula standard jew mudell intern parzjali), wara l-aġġustamenti għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u/jew it-taxxi differiti meta jkunu inkorporati fil-kalkolu tal-komponent. Għall-komponenti tal-Kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u/jew tat-taxxi differiti, meta jiġu divulgati bħala komponent separat, dan għandu jkun l-ammont ta' kapaċità tal-assorbiment tat-telf (dawn l-ammonti għandhom jiġu divulgati bħala valuri negattivi) Għal komponenti kalkulati bl-użu tal-formula standard din iċ-ċellola tirrappreżenta r-RKSn gross. Għal komponenti kalkulati bl-użu tal-mudell intern parzjali, dan jirrappreżenta l-valur li jikkonsidra l-azzjonijiet tal-ġestjoni futuri li huma inkorporati fil-kalkolu, iżda mhux dawk li huma mudellati bħala komponent separat. Dan l-ammont għandu jikkunsidra b'mod sħiħ l-effetti tad-diversifikazzjoni skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE fejn applikabbli. Dawn iċ-ċelloli jinkludu l-allokazzjoni tal-aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn tar-RFF/MAP fil-livell tal-entità."

3. L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huwa kkoreġut kif ġej:

(a) Fil-formola S.19.01, minn C0170/R0100 sa R0260, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0170/R0100 sa R0260	Pretensjonijiet Grossi Mħallsa (mhux kumulattivi) — Fis-sena attwali	Total "Sena attwali" jirrifletti l-aħħar dijagonali (id-dejta kollha b'referenza għall-aħħar sena ta' rappurtar) minn R0100 sa R0250. R0260 hija t-total ta' R0100 sa R0250."

(b) Fil-formola S.19.01, minn C0360/R0100 sa R0260, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"minn C0360/R0100 sa R0260	L-Aħjar Stima Gross tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet — Tmiem is-sena (dejta skontata)	It-total ta' "Tmiem is-sena" jirrifletti l-aħħar dijagonal iżda mhux fuq bażi skontata (id-dejta kollha b'referenza għall-aħħar sena ta' rappurtar) minn R0100 sa R0250. R0260 hija t-total ta' R0100 sa R0250."

(c) Fit-taqsima S.12.01, fil-parti intitolata "L-ammont tal-miżura tranżitorja fuq il-provvedimenti tekniċi", it-tieni paragrafu tal-Istruzzjonijiet huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi.";

(d) Fil-formola S.17.01, minn C0020 sa C0170/R0290, C0180/R0290, minn C0020 sa C0170/R0300, C0180/R0300, minn C0020 sa C0170/R0310 u C0180/R0310, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan il-valur għandu jkun divulgat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi.";

(e) Fil-formola S.23.01.01.R0230/C0040 tiżdied ir-ringiela li ġejja wara d-deskrizzjoni:

"R0230/C0050	Tnaqqis għall-parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu — Grad 3	Dan huwa l-ammont ta' tnaqqis għall-parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu li huma mnaqqsin mill-grad 3 skont l-artikolu 68 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35."

4. L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huwa kkoreġut kif ġej:

(a) Fil-formola S.23.01.R0440/C0040 tiżdied ir-ringiela li ġejja wara d-deskrizzjoni:

"R0440/C0050	Fondi proprji totali ta' setturi finanzjarji oħrajn – Grad 3	It-total ta' fondi proprji f'setturi finanzjarji oħrajn – Grad 3. Il-fondi proprji totali mnaqqsa fiċ-ċellola R0230/C0010 jingħiebu lura hawnhekk wara l-aġġustament fil-fondi proprji mhux disponibbli skont ir-regoli settorjali rilevanti u wara t-tnaqqis skont l-Artikolu 228, il-paragrafu 2 tad-Direttiva 2009/138/KE."

(b) Fil-formola S.23.01.R0680/C0010, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"R0680/C0010	Ir-RKS tal-grupp	Ir-RKS tal-grupp huwa s-somma tar-RKS tal-grupp konsolidat ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 336 (a), (b), (c) u (d) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 u r-RKS għal entitajiet inkluż permezz tad-D&A."

(c) Fil-formola S.25.01.R0220/C0100, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"R0220/C0100	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	Rekwiżit Kapitali kumplessiv inkluża s-supplimentazzjoni kapitali L-ammont tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal impriżi taħt il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Dan għandu jinkludi l-komponenti kollha tar-RKS konsolidat, inkluż ir-rekwiżiti kapitali ta' impriżi minn setturi finanzjarji oħra, ir-rekwiżit kapitali għal rekwiżiti ta' parteċipazzjoni mhux ikkontrollata u rekwiżit kapitali għal impriżi residwi."

(d) Fil-formola S.25.01.R0500/C0100, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"R0500/C0100	Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni)	L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal setturi finanzjarji oħra. Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rappurtar tal-grupp meta l-grupp jinkludi impriża li hija soġġetta għal rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni, bħalma hu bank, u huwa r-rekwiżit ta' kapital ikkalkolat skont ir-rekwiżiti xierqa. R0500 hija mistennija li tkun ugwali għas-somma ta' R0510, R0520 u R0530."

(e) Fil-formola S.25.01.R0570/C0100, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"R0570/C0100	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	Ir-RKS kumplessiv għall-impriżi kollha irrispettivament mill-metodu użat. Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza totali huwa mistenni li jkun ugwali għas-somma ta' R0220 u R0560."

(f) Fil-formola S.25.02.R0220/C0100, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"R0220/C0100	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	Ir-rekwiżit kapitali kumplessiv inkluż is-supplimentazzjoni kapitali għal impriżi taħt il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Dan għandu jinkludi l-komponenti kollha tar-RKS konsolidat, inkluż ir-rekwiżiti kapitali ta' impriżi minn setturi finanzjarji oħra, ir-rekwiżit kapitali għal rekwiżiti ta' parteċipazzjoni mhux ikkontrollata u rekwiżit kapitali għal impriżi residwi."

(g) Fil-formola S.25.02.R0500/C0100, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"R0500/C0100	Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni)	L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal setturi finanzjarji oħra. Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rappurtar tal-grupp meta l-grupp jinkludi impriża li hija soġġetta għal rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni, bħalma hu bank, u huwa r-rekwiżit ta' kapital ikkalkolat skont ir-rekwiżiti xierqa. R0500 hija mistennija li tkun ugwali għas-somma ta' R0510, R0520 u R0530."

(h) Fil-formola S.25.02.R0570/C0100, ir-ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"R0570/C0100	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	Ir-RKS kumplessiv għall-impriżi kollha irrispettivament mill-metodu użat. Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza totali huwa mistenni li jkun ugwali għas-somma ta' R0220 u R0560."